TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru, 2023**

**Talba Nru: CCT66/23/DS**

**Maria Curmi Cassar**

**Vs**

**PM Hobby – DIY Home Solutions**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-19 ta' April, 2023 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata tibdlilha s-sink illi hija tinsisti kien difettuz b'mod illi meta tpoġġa f'postu taritlu l-kantuniera meta kien imwiegħed lilha li dan huwa prodott ta' kwalita' tajba bi ħmistax -il sena garanzija u għaldaqstant ma pretendietx illi jiġrilu hekk, jew, fin-nuqqas, tirrifondiha flusu, u cioe l-ammont ta' tlett mija u tmenin Ewro (€380).

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolat risposta;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti tinsisti illi hija rċeviet is-sink illi xtrat mingħand is-soċjeta intimata illi kien difettuż, fi kliemha stess "*compromised before being bought*", illi meta tpoġġa fil-bokka fejn kellu jiġi nstallat sabiex jipprovawh u ġew biex jgħolluh inqasmet kantuniera minnu u li dan ma kienx kaġun ta' xi tort minn naħa ta' min kien addett sabiex jistallah. Tgħid illi meta marret għalieh ma tħallietx tarah għaliex is-sales person ma setgħax iqandel peress illi kien għamel operazzjoni u li pero' kien qalilha illi dan huwa prodott tajjeb bi ħmistax -il sena garanzija.

L-attriċi bagħtet ukoll email lill-kumpanija barranija illi tipproduċi l-imsemmi sinkijiet li wara li għamlet il-verifiki tagħha baghtitilha video li juri li meta wieħed jinstalla u ma jniżżilx is-sink bil-mod fil-bokka tiegħu tista' tirriżulta' ħsara eżattament bħall tagħha u li għaldaqstant hija konvinta illi dan kien każ ta' mishandling waqt l-installazzjoni u ma jistgħax jiġi mibdul is-sink u lanqas setgħet tingħata rifużjoni.

L-attriċi ħasset illi jekk din kienet problema komuni dan kien sink illi kien faċilment jista' jinkiser, mhux kif taw l-impressjoni lilha, u li għaldaqstant dan kellu jintwera lilha jew xi ħadd kellu jinformaha b'din il-problema potenzjali qabel ma xtratu għaliex hija tħoss illi ġiet ingannata;

Illi s-soċjeta intimata, l-istess bħall-kumpanija tas-sinkijiet barranija, baqgħet ma tridx ittiha sink ieħor jew tirrifondiha l-flus għaliex qaltilha li din kienet kwistjoni ta' *mishandling* tal-prodott u li ma kellux difetti meta xtratu u nsistiet illi dan is-sink kien ilu xhur għand is-sinjura u għaldaqstant setgħu ġraw ħafna affarijiet li l-kumpanija ma kellha l-ebda kontroll fuqhom;

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat id-dettalji tat-talba tagħha taħt ġurament u s-soċjeta' tagħha permezz tar-raprezentant tagħha wkoll ikkonfermat id-dettalji tar-risposta tagħha u t-tnejn żiedu mal-istess waqt ix-xhieda tagħhom.

Illi jirrizulta illi għalkemm l-attriċi bħal donnha tat x'tifhem illi l-prodott kien difettuz qabel ma' xtratu, tant illi tgħid illi tħalla fejn il-bieb tal-lift tal-ħanut u setgħa faċilment jintlaqat, illi kien miftuħ u mhux stivat kif ikun meta jiġi minn barra u ħadet l-impressjoni li setgħa kien xi prodott ritornat, anka għaliex kellu l-pakkett tal-aċċessorji nieqes, u anka tgħid, f'email tagħha, li jista' jkun illi l-fatt illi ma riedux juruh lilha meta xtratu setgħet kienet " *a premeditated move*" għaliex is-sink kien danneġġat.

Illi dan it-Tribunal pero' ma huwiex konvint illi dan il-prodott kien difettuz u cioe' imkisser qabel ma ġie mgħoti lilha. Fl-ewwel lok, m'hemm l-ebda prova tanġibbli ta' dan u fit-tieni lok, li kieku verament l-attriċi xtaqet tispezzjonah u ma ħallewhiex setgħet tagħmel dan malli waslet id-dar. Il-kaxxa kienet diġa miftuħa u tali speżżjoni setgħet faċilment issir bi ftit għajnuna. Barra min hekk meta min kien qiegħed jinstalla s-sink ħarġu mill-kaxxa wkoll setgħa jiġi kkonstatat jekk kienx hemm xi difett u ma ssemma' xejn x'jagħti x'jifhem illi dan is-sink kien instablu xi difett qabel ma provaw iwaħħluħ. Kien biss meta tnizzel f'postu li faqqgħet il-kantuniera!

Għaldaqstant dan it-Tribunal ċertament mhux konvint illi l-attriċi ngħatat prodott difettuż. u *stante* illi "*improper use/ handling during the installation of the sink*" mhux kopert bil-garanzija (ara email ta' PM Hobby lis-sinjura attriċi datata 06/03/23) il-pretenzjoni tal-attriċi ma jirriżultax illi hija fondata. Dan iwassal lill-istess Tribunal janalizza jekk is-soċjeta' attriċi ingannatx lill-attriċi meta xtrat is-sink billi kienet taf

illi l-istess sink jista' faċilment jinkiser waqt l-installazzjoni jekk ikun "*mishandled*" u ma nfurmatx lill-istess attriċi.

Illi fuq dan il-punt it-Tribunal ikkunsidra Artikolu 51 tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar azzjonijiet qarrieqa li fost l-oħrajn jgħid illi "*prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa jekk: ...(b) b'xi mod, ukoll bil-preżentazzjoni totali tagħha, tqarraq bil-konsumatur medju, ukoll jekk it-tagħrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-elementi li ġejjin, u li f'kull każ iġġiegħlu jew x'aktarx iġġiegħlu jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra: ... (ii) il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, bħad-disponibbiltà, il-benefiċċji, ir-riskji, l-eżekuzzjoni, ... jew ir-riżultati u l-karatteristiċi importanti ta' eżamijiet jew kontrolli magħmula tal-prodott;*" F'dan ir-rigward ikkunsidra wkoll Artikolu 51 A li jiddeskrivi "*prattiċi kummerċjali*" wkoll bħala "*omissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, [u] komunikazzjoni kummerċjali...*".

Illi f'dan ir-rigward dan it-Tribunal iħoss illi għalkemm is-soċjeta' intimata tgħid illi hija ma kienetx taf bil-*video* li l-kumpanija barranija produttriċi tas-sink bagħtet lill-attriċi qabel ma din ta' l-aħħar urietu lir-rappreżentant tagħha, fejn jidher illi dawn is-sinkijiet huma sensittivi mill-kantunieri waqt l-installazzjoni, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi kien kompitu tagħha tkun taf bl-eżamijiet u l-kontrolli magħmula fuq il-prodott illi kienet qiegħda tbiegħ u li n-nuqqas ta' għarfien minn naħa tagħha m'għandux jimpatta negattivament lill-konsumaturi tagħha. Jekk xejn din il-kwistjoni hija waħda bejn is-soċjeta' attriċi u l-produttur tal-prodott u mhux tal-attriċi u konsumaturi oħra bħalha.

Illi l-attriċċi għandha raġun tgħid illi kien messha ġiet infurmata qabel b'din is-sensittivita' u fil-fatt qalet ukoll illi dan setgħa jimpatta l-għażla tagħhha dwar il-prodott li kieku kienet tafu qabel.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi għalkemm dan it-Tribunal ma rriskontrax pre-meditazzjoni u malizja minn naħa tas-soċjeta' attriċi fl-aġir tagħha waqt it-transazzjoni fejn tidħol l-*issue* ta' għarfien dwar is-sensittivita tal-kantunieri tas-sink waqt l-installazzjoni, tinnota illi l-attriċi ma ngħatatx għarfien li suppost ngħatat qabel ma xtrat il-prodott, anzi ngħatat l-impressjoni illi dan is-sink kien aktar robust milli fil-fatt kien. B'daqsxejn aktar diliġenza minn naħa tas-soċjeta' attriċi l-intimata setgħet gawdiet il-prodott mingħajr problemi u mhux kellha tillapazza għal dan iż-żmien kollu!

It-Tribunal filament ħa konjizzjoni tal-Artikolu 21 dwar kif għandhom jiġu determinati kwistjonijet f'tilwim li jikkonċerna dannu mġarrab mill-konsumaturi li jirriżulta minn prattiċi kummercjali mhux ġusti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi limitatament dwar prattika qarrieqa u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' tirrifondi l-ammont ta' tlett mija u tmenin Ewro (€380) stante illi l-attriċi stqarret li li kieku kienet konsapevoli tal-fatti kollha kienet tikkunsidra tixtrix il-prodott jew le.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**